MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Numru 378/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**RAYMOND XERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Xerri ta' 47 sena, bin il-mejjet Nazzareno u Grace nee' Camilleri, imwieled Hal Lija, nhar l-10 ta' Marzu, 1957, u li joqghod fil-fond numru 2, Triq Alessio Xuereb, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 283 257 (M);

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Frar, 2005, gewwa l-Westin Dragonara Casino f'San Giljan, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi nqeda b’qerq iehor, igann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm100.00 (mitt lira maltin), imma mhux aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-istess Westin Dragonara, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, waqt l-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien skond il-Ligi biex jirrikonsidra.

Rat l-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------